

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 113/2008

tas-7 ta' Novembru 2008

li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċċali) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness VI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 103/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 (¹).
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 101/2008 tal-4 ta' Frar 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 li jistipula l-proċedura għall-implementazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċċali għal persuni impiegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u l-familji tagħhom li jiċċa qilqu fi ħdan il-Komunità (²), hekk kif korretta bil-ĠU L 56, 29.2.2008, p. 65, irid jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ġEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jinżdied f'punt 2 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72) tal-Anness VI tal-Ftehim:

“— **32008 R 0101:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 101/2008 tal-4 ta' Frar 2008 (ĠU L 31, 5.2.2008, p. 15), kif korrett bil-ĠU L 56, 29.2.2008, p. 65,”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 101/2008, kif ikkorreġuti bil-ĠU L 56, 29.2.2008, p. 65, fil-lingwa Iż-żandija u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi nhar it-8 ta' Novembru 2008, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmulu fi Brussell, 7 ta' Novembru 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(¹) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 29.

(²) ĠU L 31, 5.2.2008, p. 15.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.